

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > L-ispażju Tiegħi Tal-Ġustizzja Elettronika > Denmark

My e-Justice space

Danimarka



Danimarka

Is-sit web <http://www.borger.dk/> huwa l-Portal taċ-Ċittadini Nazzjonali Daniżi, li jipprovdi punt uniku ta' aċċess għall-informazzjoni dwar l-awtoritajiet pubbliċi u s-servizzi online tagħhom.

Biex taċċessa s-self-services pubbliċi fuq <http://www.borger.dk/> u fuq portali pubbliċi oħra, hija meħtieġa l-MitID. Il-MitID hija ID elettronika personali. Hija primarjament applikazzjoni telefonika (app) użata biex taċċessa s-self-services pubbliċi. Fuq l-app MitID, iċ-ċittadin jista' jirreġistra b'numru tar-reġistrazzjoni ċivili (numru tar-Reġistrazzjoni Personali Ċentrali (numru CPR, Central Personal Registry)), kif ukoll passaport jew kard tal-identità, u joħloq kont b'ID tal-utent u kodiċi personali. Huwa possibbli wkoll li tirreġistra MitID fiżikament permezz taċ-Ċentru ta' Servizz taċ-Ċittadini. Il-portal pubbliku self-service se jikkonnettja mal-app, u t-tentattiv ta' l-loggjar se jkollu jiġi vverifikat permezz tal-app jew bl-użu ta' bijometrija, kodiċi QR jew OTP (One Time Password). Jekk ma tistax tuża l-app, hemm metodi alternattivi bħal tagħmir tal-kodiċi li jinżamm fl-idejn, qarrej awdjo tal-kodiċijiet jew ċippa MitID. Kull persuna li tirsjedi fid-Danimarka għal aktar minn 3 xhur tiġi rreġistrata fis-sistema tas-CPR. Is-sistema tipprovdi lil persuna b'numru ta' identifikazzjoni personali (numru CPR).

Numru tas-CPR huwa pprovdut liċ-ċittadini b'indirizz permanenti fid-Danimarka mill-muniċipju fil-belt ta' residenza. Iċ-ċittadini tan-Norveġja, l-Iżvezja, il-Finlandja u l-Iżlanda huma liberi li jaħdmu u jgħixu fid-Danimarka mingħajr dokument ta' residenza.

Tista' taqra messaġġi mill-awtoritajiet pubbliċi Daniżi direttament permezz tal-kaxxa postali diġitali personali tiegħek (Digital Post) li hija l-pjattaforma online, fejn isseħħ il-biċċa l-kbira tal-komunikazzjoni bil-miktub taċ-ċittadini mal-awtoritajiet pubbliċi. Iċ-ċittadini tal-UE b'MitID jew b'eID minn pajjiż ieħor tal-UE jistgħu jaċċessaw id-Digital Post. Id-Digital Post għandha diversi punti ta' aċċess differenti, inklużi <http://www.borger.dk/>, <http://www.mit.dk/>, <http://www.e-boks.dk/> u l-app Digital Post. L-app Digital Post u <http://www.borger.dk/> huma amministrati mill-Aġenzija għall-Gvern Diġitali (Digitaliseringsstyrelsen).

Il-biċċa l-kbira tal-infrastruttura nazzjonali tas-servizzi diġitali (l-eID, NemKonto, nemLogin, MitID, id-Digital Post, l-App tal-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa u l-App tal-Liċenzji tas-Sewwieqa) huma amministrati mill-Aġenzija għall-Gvern Diġitali taħt il-Ministeru għall-Gvern Diġitali u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri. Il-Ministeru għall-Affarijiet Urbani, Rurali u Ekkleżjastiċi huwa responsabbli għal kwistjonijiet oħra relatati mar-reġistrazzjoni tal-individwi, ir-reġistrazzjonijiet tal-ismijiet u d-dokumenti għall-individwi. L-uffiċċji lokali tal-knisja jew il-muniċipji fil-post fejn jgħix l-individwu jamministraw il-kuntatt dirett maċ-ċittadini.

Iċ-ċertifikati msemmija hawn taħt, maħruġa online ma humiex iffirmati uffijalment u huma mingħajr timbru tal-awtorità uffijjali. Jekk awtorità barranija teħtieġ awtorizzazzjoni, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin jista', fuq talba, jassisti fl-Apostille u l-Legalizzazzjoni tad-dokument b'tariffa ta' DKK 210 (madwar EUR 28). Id-dokumenti tal-kumpaniji maħruġa għal skopijiet ta' kummerċ jistgħu jiġu legalizzati mingħajr f'las.

Fil-qasam tal-Ġustizzja, il-biċċa l-kbira tas-servizzi pubbliċi online huma pprovduti mill-Amministrazzjoni tal-Qorti Daniża ([Domstolsstyrelsen](#)).

L-informazzjoni dwar il-negozji hija aċċessibbli fuq <http://www.virk.dk/>.

F'oloq:

- [Digitaliseringsstyrelsen \(digst.dk\)](#)

- <http://www.borger.dk/>
- [By-, Land- og Kirkeministeriet - km.dk](http://www.km.dk/)
- <http://www.mit.dk/>

Possibbiltà li jiġi ppreżentat rikors għal għajjnuna legali

Għan u ambitu: Fid-Danimarka l-għajjnuna legali tingħata f'forom differenti:

- Għajjnuna legali “retshjælp”: Parir minn Avukat: Kulħadd għandu d-dritt li jirċievi parir legali fundamentali personalment minn Avukat, li wieħed jista' jsibu f'uffiċċju “Advokatvagten”. Dan jinvolvi parir orali dwar il-possibbiltajiet prattiċi u ekonomiċi fil-kawża. Il-pariri jistgħu jinkisbu permezz ta' laqgħa fiżika jew bit-telefown, mhux online. Barra minn hekk, huwa possibbli li tirċievi parir legali fundamentali minn “retshjælp” (l-uffiċċju tal-għajjnuna legali) li jikkonsisti primarjament minn voluntiera fil-qasam legali bħal avukati, studenti tal-liġi u persunal rilevanti ieħor.
- Għajjnuna legali “retshjælp”: Għajjnuna legali ulterjuri: Tista' tiġi pprovduta jekk persuna fiżika tilħaq livell limitu f'termini ta' introjtu personali taħt ċertu livell. L-għajjnuna legali ma tistax tingħata jekk persuna fiżika tkun involuta f'kawża kriminali; jew jekk il-kawża tkun relatata ma' negozju kummerċjali. Jekk il-persuna tilħaq il-livell limitu, il-gvern iħallas għal 75 fil-mija tat-tariffa tal-avukati sa DKK 1,180 (livell tal-2022).
- Għajjnuna legali “retshjælp”: Soluzzjoni tat-tilwim/negozjati: Tista' tiġi pprovduta jekk il-persuna tilħaq l-istess livell limitu bħal fir-rigward tat-tieni stadju u jkun hemm tilwima u l-valutazzjoni tal-avukat li l-kawża tista' tintemm barra mill-qorti. Fit-tielet stadju, il-gvern iħallas 50 % tat-tariffa tal-avukat sa DKK 2,700.
- Rappreżentanza legali mingħajr ħlas “Fri proces”: Qabel jew matul kawża ppreżentata fil-qorti huwa possibbli li tintalab rappreżentanza legali mingħajr ħlas “Fri Proces”, li jfisser li l-gvern ikopri l-kostijiet tal-kawża. Ir-rappreżentanza legali mingħajr ħlas “fri proces” tista' tingħata wkoll jekk il-kawża tkun tikkonċerna kwistjonijiet ta' importanza pubblika ġenerali jew kwistjonijiet li huma ta' sinifikat essenzjali għas-sitwazzjoni soċjali jew okkupazzjonali ta' min iressaq it-talba.
- Proċedura ta' Kawżi Minuri: Barra minn hekk, il-Qrati jipprovdu assistenza legali fil-Proċedura għal kawżi minuri “småsagsprocedure”. F'tali sitwazzjonijiet, il-kawża tista' titħejja u tiġi ppreżentata mingħajr l-assistenza ta' avukat, u l-qrati għandhom l-obbligu li jassistu fit-trattament tal-kawża.
- Assigurazzjoni tal-għajjnuna legali: Ħafna negozji tal-assigurazzjoni għandhom assicurazzjoni tal-għajjnuna legali ta' madwar DKK 150,000-250,000 li tkopri l-kostijiet legali f'każ li titressaq azzjoni legali kontra d-detentur tal-polza jew id-detentur iressaq azzjoni legali kontra ħaddieħor. L-ispejjeż għad-detentur tal-polza jvarjaw bejn il-kumpaniji tal-assigurazzjoni.

Awtorità kompetenti: Il-Ministeru għall-Ġustizzja / l-Aġenzija għall-Affarijiet Ċivili. (*Justitsministeriet – Civilstyrelsen*)

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà:
- Il-parir ta' avukat huwa mingħajr ħlas għal kulħadd. Għajjnuna legali ulterjuri (it-tieni u t-tielet istadju “retshjælp” + Rappreżentanza legali mingħajr ħlas “fri proces”) tirrikjedi li l-introjtu tal-persuna jkun taħt livell limitu. Rappreżentanza legali mingħajr ħlas “fri proces” tista' f'xi ċirkostanzi tingħata irrispettivament mill-introjtu tal-persuna.
- Proċedura ta' Kawżi Minuri ma għandhiex rekwiżiti ta' eliġibbiltà.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: Identifikazzjoni permezz tal-użu tal-MitID
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Rapport tat-taxxa għas-sena ta' qabel (sħiħa).

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Mhux applikabbli.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Il-possibbiltà li l-proċedura titlesta online tiddependi mill-qasam imsemmi hawn fuq:

- L-għajnuna legali “retshjælp” (l-ewwel, it-tieni u t-tielet stadji) ma tistax issewv online, peress li dan huwa parir orali li jingħata fiżikament jew bit-telefown.
- Rappreżentanza legali mingħajr fhas “fri proċess”: Iva, ir-rikors dwar il-proċedura mingħajr fhas jista’ jsir online.
- Proċedura ta’ Kawżi Minuri tista’ ssewv parzjalment online, peress li l-kawżi kollha jiġu ttrattati b’mod elettroniku permezz tal-paġna web <http://www.minretssag.dk/>. Madankollu, din hija biss proċedura online parzjali, peress li se jkun hemm ukoll laqgħat bit-telefown u, jekk ikun meħtieġ, seduti orali wkoll fil-kamra tal-qorti.

Kost: Mhux applikabbli.

Floq:

<https://domstol.dk/alle-emner/raadgivning-og-retshjaelp/offentlig-retshjaelp/>

<http://www.advokatvagterne.dk/>

<https://civilstyrelsen.dk/sagsomraader/fri-proces>

<https://civilstyrelsen.dk/sagsomraader/fri-proces/ansoeg-om-fri-proces>

<https://domstol.dk/alle-emner/anlaeg-civil-sag/smaasager/>

Kumpens

Għan u ambitu: Vittma ta’ reat kriminali li għandha telf dokumentat tista’ tressaq rikors għal kumpens mingħand l-awtur tar-reat.

Awtorità kompetenti: Il-Ministeru għall-Ġustizzja, l-Aġenzija għall-Affarijiet Ċivili (*Justitsministeriet, Civilstyrelsen*)

Kundizzjonijiet ta’ aċċess:

- Rekwiżiti ta’ eliġibbiltà: Il-kumpens jista’ jitħallas lil vittma ta’ reat kriminali, fejn ir-reat ikun ġie ppreżentat lill-pulizija, ġeneralment fi żmien 72 siegħa mir-reat, u l-vittma tkun talbet kumpens fil-kawża kriminali jew lill-pulizija jew lill-qorti.
- Il-pretensjoni trid tiġi ppreżentata mhux aktar tard minn sentejn wara s-sentenza finali u konklużiva fil-kawża.
- Rekwiżiti ta’ identifikazzjoni u awtentikazzjoni: Permezz tal-MitID
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovdu:
 - In-numru tal-każ rilevanti meħud mill-każ imressaq mill-pulizija; dokumentazzjoni għat-talbiet (eż. xiri ta’ mediċina, trattament u oġġetti mkissra (fwejjeġ, eċċ)).
 - Informazzjoni dwar il-kont li fih il-kumpens jista’ jitħallas
 - Informazzjoni dwar l-assigurazzjoni rilevanti

Effetti legali ta’ dokument elettroniku: Mhux applikabbli.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva

Kost: Is-servizz huwa mingħajr ħlas

Ħolqa:

[Ansøg om erstatning \(civilstyrelsen.dk\)](http://civilstyrelsen.dk)

Aktar informazzjoni dwar kif tikseb kumpens fid-Danimarka hija disponibbli hawnhekk
<https://civilstyrelsen.dk/sagsomraader/erstatningsnaevnet/ansoeg-om-erstatning>

Bidu ta' kawża ċivili online

Għan u ambitu: Il-bidu ta' kawża fil-qorti jista' jiġi ppreżentat online fil-kawża kollha tal-qorti ċivili billi jintuża l-portal <http://www.minretssag.dk/>. Hawnhekk huwa possibbli li ttella' ċ-ċitazzjoni kif ukoll id-dokumenti ta' sostenn kollha. L-istadju sħiħ bil-miktub tal-kawża jiġi ttrattat permezz tal-portal, li jinnotifika lill-parti l-oħra, meta jkun hemm dokumenti ġodda jew skadenzi ġodda stabbiliti mill-qorti.

Awtorità kompetenti: L-Amministrazzjoni tal-Qorti Daniża (*Domstolsstyrelsen*)

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibiltà: L-ebda
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: MitID tal-persuna fiżika jew ġuridika li hija parti fil-kawża jew mill-avukat li jirrappreżentaha.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Ma jeħtieġ li jiġi pprovdut l-ebda dokument speċifiku biex tiġi ppreżentata kawża.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Mhux applikabbli.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva – it-tnejn tal-kawża tal-qorti tista' ssejtn online. Jekk il-qorti tiddeċiedi l-kawża fuq bażi bil-miktub, il-proċedura sħiħa ssejtn online. Jekk il-kawża tkompli bil-proċedura orali, naturalment dan ma jkunx il-każ.

Kost: Tapplika tariffa meta titressaq kawża ċivili. L-ammont jiddependi mit-tip ta' kawża kif ukoll mill-valur inkwistjoni. Għal aktar informazzjoni ara: <https://domstol.dk/alle-emner/sagsomkostninger/retsafgift/>

Ħolqa:

<https://domstol.dk/alle-emner/anlaeg-civil-sag/>

Notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji

Għan u ambitu: Billi tuża l-portal <http://www.minretssag.dk/>, parti f'kawża ta' litigazzjoni tista' tagħti l-kunsens tagħha għat-trażmissjoni elettronika tad-dokumenti. Fuq il-portal, parti f'kawża ta' litigazzjoni tista' tikkonsulta l-progress tal-kawża tagħha online u tirċievi b'mod elettroniku l-avviżi, l-irċevuti u ċ-ċitazzjonijiet mibgħuta mill-iskrivan lil parti bi kwalunkwe mezz, b'ittra sempliċi jew b'ittra rreġistrata mingħajr konferma tal-irċevuta. Se jintbagħat avviż elettroniku lill-persuna rilevanti permezz tad-Digital Post ta' dik il-parti/persuna, iżda għal raġunijiet ta' sigurtà jeħtieġ li tilloggja fuq

<http://www.minretssag.dk/> biex tara d-dokument.

Awtorità kompetenti: L-Amministrazzjoni tal-Qorti Daniża (*Domstolsstyrelsen*)

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: L-ebda; ħlief għal xi ċirkostanzi fejn l-użu ta' <http://www.minretssag.dk/> huwa obbligatorju
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: L-utent għandu jidentifika ruħu permezz tal-MitID
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Tista' tiġi skużat jekk għandek diżabilità. Id-dokumentazzjoni dwar id-diżabilità mbagħad trid tiġi pprovduta lill-qorti
<https://www.domstol.dk/selvbetjening/blanketter-og-vejledninger/minretssagdk/digitalt-fritaget/>

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Id-dokumenti kollha jitqiesu kkonsenjati u l-iskadenzi jistgħu jiġu kkalkulati ladarba d-dokumenti jittellgħu fis-sistema elettronika <http://www.minretssag.dk/>

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva

Kost: Tariffa għall-preżentazzjoni ta' kawża tiġi kkalkulata abbażi tal-valur tal-kawża, iżda mhux speċifikament għall-użu tas-servizzi elettroniċi

Ħolqa: <https://www.minretssag.dk/frontpage>

Aktar informazzjoni dwar kif tikseb aċċess Elettroniku għad-dokumenti ġudizzjarji fid-Danimarka hija disponibbli hawnhekk <https://domstol.dk/alle-emner/anlaeg-civil-sag/>

Parteċipazzjoni f'irkanti ġudizzjarji

Għan u ambitu: Isiru rkanti ġudizzjarji jekk debitur ma jkunx jista' jħallas lill-kredituri tiegħu/tagħha. Irkant ġudizzjarju jista' jiġi pproċessat jekk il-kreditur ikollu garanzija fi, pereżempju, proprjetà u mħarrek quddiem il-bailiff fil-qorti fejn tkun tinsab il-proprjetà. L-irkanti ġudizzjarji kollha jitħabbru online fuq <http://www.statstidende.dk/>

Awtorità kompetenti: Il-qorti lokali fejn tinsab il-proprjetà.

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: Irkant ġudizzjarju jista' jiġi pproċessat minn kreditur li jkollu pretensjoni fil-konfront tad-debitur; u tali pretensjoni tkun koperta minn garanzija rreġistrata fil-proprjetà rreġistrata fuq <http://www.tinglysning.dk/>
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: Mhux applikabbli.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Prova tal-garanzija fil-proprjetà

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Mhux applikabbli.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Le, l-irkant ġudizzjarju jsir f'laqgħa fiżika fil-bini tal-qorti, iżda s-sejħa għal irkant ġudizzjarju sseħħ online.

Kost: Mhux applikabbli.

Ħolqa: <https://domstol.dk/alle-emner/tvangsauktion/>

Aċċess għal servizzi ta' medjazzjoni

Għan u ambitu: Fid-Danimarka ma hemm l-ebda servizz ta' medjazzjoni pprovdut online. Il-partijiet f'kawża jfittxu l-parir tagħhom għal rashom barra mis-sistema; jew inkella l-qorti tista' tissuġġerixxi servizzi ta' medjazzjoni bħala parti mit-trattament tal-kawża mill-qorti. Dan huwa proċess li ma jiġix trattat b'mod elettroniku iżda li huwa laqgħa fiżika bejn il-partijiet.

Awtorità kompetenti: Il-Qrati

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: Mhux applikabbli.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: Mhux applikabbli.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Mhux applikabbli.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Mhux applikabbli.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Le

Kost: L-ebda kostijiet separati

Hoġġa: <https://domstol.dk/alle-emner/retsmaegling/>

Il-formazzjoni tal-kumpaniji u l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji

Għan u ambitu:

L-informazzjoni kollha dwar kumpanija Daniża stabbilita tinsab fuq il-paġna web <http://www.virk.dk/> li hija amministrata mill-Awtorità Kummerċjali Daniża. Informazzjoni dwar l-istabbiliment ta' kumpanija, l-istruttura tas-sjeda, is-sjeda aħħarija, il-ġestjoni tal-bord, inklużi l-ismijiet tal-bord tad-diretturi u l-uffiċjal kap eżekuttiv kif ukoll ir-rapporti annwali ta' kumpaniji b'responsabbiltà limitata huma disponibbli. Jekk kumpanija tkun qed tiġi ristrutturata jew tkun insolventi, dan jidher ukoll fuq <http://www.virk.dk/>.

Sid ta' kumpanija jista' jilloggja fis-sistema permezz tal-ID sigura elettronika (MitID) tiegħu jew il-firma elettronika tal-impjegat tal-kumpanija u jipprovdri lis-sistema bl-informazzjoni rilevanti. Hemm obbligu li s-sistema tinżamm dejjem aġġornata.

Awtorità kompetenti: L-Awtorità tan-Negożju Daniża

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: L-ebda - il-portal web huwa aċċessibbli għall-pubbliku.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni:
 - Iva, permezz tal-MitID ta' persuna fiżika stess jew inkella permezz ta' firma elettronika maħruġa lill-persuna permezz tal-kumpanija.
 - Biex taċċessa informazzjoni dwar kumpanija huwa meħtieġ ukoll li ssir identifikazzjoni permezz ta' firma elettronika (MitID)

- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti:
 - Fil-formazzjoni tal-kumpaniji hemm rekwiżiti legali dwar liema dokumenti għandhom jiġu pprovduti; pereżempju, l-istatut ta' assoċjazzjoni, il-minuti tal-assemblea ġenerali, eċċ.
 - L-ebda dokument ma huwa meħtieġ biex tiġi aċċessata informazzjoni dwar il-kumpaniji.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Mhux applikabbli.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva, huwa possibbli li tiġi ttrattata d-dokumentazzjoni kollha dwar il-formazzjoni tal-kumpaniji u l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji online.

Kost: Ikun hemm tariffa, skont it-tip ta' servizz; <https://erhvervsstyrelsen.dk/gebyrer-og-takster>

Hoġqa: <https://datacvr.virk.dk/>

Servizzi tat-traduzzjoni (inkluża t-traduzzjoni awtomatika u l-impatt legali tagħha)

Ma ġie identifikat l-ebda servizz ta' traduzzjoni pubblika online. Il-biċċa l-kbira tad-dokumenti jistgħu jinħarġu kemm bid-Daniż kif ukoll bl-Ingliż. Barra minn hekk, skont ir-Regolament 2016/2019 ċerti dokumenti huma segwiti minn formola standard multilingwi li għandha tintuża bħala għajjnuna għat-traduzzjoni.

■ L-aħħar aġġornament: 09/02/2026

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.